MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 514/1998/1

**Emanuela PORTELLI**

**vs**

**John u Diane konjuġi SULTANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta' Marzu, 1998, li bih l-attriċi ippremettiet:

Illi l-attriċi hija sid il-fond numru sitta u erbgħin (46) Triq it-Torri Msida u peress li l-konvenut jokkupa dan il-fond b'lokazzjoni;

Illi l-konvenut ottjena liċenzja fuq dan il-fond billi għamel użu minn dokument li fih hemm dikjarazzjoni falża kif indikata minn l-istess konvenut fejn fost affarijiet oħra iddikjara illi huwa sid il-post numru sitta u erbgħin Triq it-Torri, Msida u wkoll preżenta pjanta għall-istess fond

imma li tindika numru ħamsa u erbgħin (45) Triq it-Torri, Msida u mhux sitta u erbgħin (46) Triq it-Torri, Msida;

Illi konsegwenża ta' din id-dikjarazzjoni falża ħarġet l-imsemmija liċenzja fuq il-konvenut għall-imsemmi fond għad-dannu ta' l-attriċi;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tikkundanna li l-konvenut għamel użu minn dikjarazzjoni falża ma' l-awtoritajiet kompetenti u konsegwenża ta' hekk ħarget liċenzja mingħand il-Kummissarju tal-Pulużija għal mastrudaxxa;

Bl-ispejjeż u l-konvenut jibda nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-5 ta' Jannar, 2000, li biha l-imħarrkin miżżewġin Sultana eċċepew:

Illi fl-ewwel lok it-talba kif interposta ma tistax tiġi milqugħa stante li din ma tagħmilx sens;

Illi fit-tieni lok l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku stante illi hija m'hi qed issofri l-ebda danni anzi, bħala sid il-kera hija obbligata illi tassigura illi l-esponenti, bħala inkwilin tagħha jkun debitament liċenzjat u mhux tagħmel ostakoli u f'kull każ hija baqgħet tirċievi l-kera regolarment sal-31 ta' Diċembru, 1999;

Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għal premess, m'huwiex minnu illi l-esponenti għamel użu minn dikjarazzjoni falża ma' l-awtoritajiet kompetenti;

Illi fir-raba' lok din il-Qorti m'għandhiex kompetenza tiddeċiedi t-tieni parti tal-ewwel talba;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda magħhom il-provi dokumentali minnhom imressqa;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tat-8 ta' Ottubru, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex il-Qorti tqis bħala falza dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrek f'applikazzjoni li huwa ressaq biex tinħariġlu liċenza ħalli jkun jista' jaħdem bħala mastrudaxxa minn ġo post mikri lilu mill-attriċi. L-attriċi tgħid li din il-falsita' seħħet meta l-imħarrek ressaq pjanta ta' post ieħor u meta iddikjara li huwa sid il-post mikri lilu. Din id-dikjarazzjoni saret bil-miktub[1];

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi qalu li t-talba ma tistax tintlaqa' għaliex "din ma tagħmilx sens", billi qalu li l-attriċi m'għandhiex interess li tagħmel il-kawża, għaliex hija ma ġarrbet l-ebda ħsara u baqgħet xorta waħda żżomm il-kera mingħand l-imħarrek għal bosta snin wara, ċaħdu li l-imħarrek għamel użu minn dikjarazzjoni falza mal-awtoritajiet, u, fl-aħħarnett, qalu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tqis "it-tieni parti tal-ewwel talba";

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> u mill-atti l-oħrajn mehmużin magħha rilevanti għall-każ, jirriżulta li l-attriċi messha l-post numru sitta u erbgħin (46), Triq it-Torri, Msida, mill-wirt tal-ġenituri tagħha, bis-saħħa ta' att ta' qasma fl-atti tan-Nutar Anthony Grech

[1] Ara Dokti "A" u "EP1", f'paġġ. 4 u 75 tal-proċess

Trapani tat-8 ta' Diċembru, 1986[2]. Dak iż-żmien, il-post kien mikri lil missier l-imħarrek. Missier l-attriċi miet fl-1985 u missier l-imħarrek miet fis-7 ta' Jannar tas-sena ta' wara[3]. Il-post kien jintuża bħala *workshop* għal xogħol ta' mastrudaxxa. L-imħarrek kien iħallas il-kera tal-post lill-attriċi, wara li miet missieru[4]. Kien jitħallas kera ta' ħamsin lira Maltin (Lm 50) fis-sena li jitħallsu kull tlitt xhur bil quddiem. Xi żmien wara, il-kera kienet titqiegħed b'depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti, u mbagħad wara, reġgħet bdiet tinżamm mill-attriċi wara li żdiedet għal mija u tmintax-il lira Maltija (Lm 118) fis-sena. F'Ġunju tal-1990[5], l-imħarrek talab li l-Pulizija jdawru għal fuq ismu l-liċenza ta' mastrudaxxa li missieru kien kellu dwar l-imsemmi post. L-imħarrek kien għadda lill-attriċi formola li tintuża mill-PAPB biex jipproċessaw talba li ssir biex japprovaw dan it-trasferiment, imma l-attriċi ma riditx tiffirmalu. Fit-28 t'Awissu tal-1990 ġie approvat il-permess għall-ħruġ tal-liċenza fuq isem l-imħarrek. Fit-13 ta' Marzu, 1998, infetħet il-kawża. Wara li nbdiet il-kawża, l-attriċi kienet baqgħet tirċievi l-kera mingħand l-imħarrek sal-2000;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-azzjoni tal-lum</u> irid jingħad li l-mertu waħdieni li din il-Qorti hija mitluba tqis huwa dak dwar jekk l-imħarrek Sultana għamilx dikjarazzjoni falza li, bis-saħħa tagħha, inħarġet favurih liċenza minn awtorita' pubblika li biha huwa jista' jagħmel attivita' kummerċjali. Biex tagħmel dan l-eżerċizzju, il-Qorti sejra tqis ix-xhieda mogħtija f'din il-kawża bla ma tindaħal fil-mertu ta' xi proċedimenti oħrajn li seta' kien hemm bejn il-partijiet matul iż-żmien jew mingħajr ma tiftaħ stħarriġ fuq it-titolu tal-imħarrek għall-post;

Illi, qabel kull ħaġa oħra, l-Qorti sejra tindirizza wħud mill-eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrkin. Dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-Qorti fliet sewwa x'tgħid it-talba attriċi (t-talba waħdanija li qegħda tagħmel l-attriċi f'din il-kawża) u ma setgħetx tifhem kif l-imħarrkin jgħidu li tali talba ma

[2] Dok "EP", f'paġġ. 20 sa 34 tal-proċess (N.B. l-impaġinar tal-imsemmi dokument esebit m'huwiex sekwenza korretta)
[3] Dok "JS1", f'paġ. 133 tal-proċess
[4] Dokti. "JS2" u "JS3" , f'paġġ. 134-6 tal-proċess
[5] Xhieda tal-Ispettur Stephen Gatt 29.1.2001, f'paġ. 77 *tergo* tal-proċess

tagħmilx sens. Lanqas dehrilhom li kellhom ifissru x'riedu jgħidu biha din l-eċċezzjoni. L-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa';

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni jingħad li r-raġuni li fuqha l-imħarrkin jibnu allegat nuqqas ta' interess tal-attriċi ma jsegwix. L-interess li għandha l-attriċi f'din il-kawża u skond it-talba magħmula minnha (li, wara kollox, hija l-parametri li fuqhom din il-Qorti trid timxi biex tqis sewwa l-każ) huwa dak li jiġi dikjarat li l-imħarrek wettaq xi ħaġa li ma taqbilx mal-verita' u li dan għamlu bi ħsara għaliha, bħala sid il-post. Jekk dan huwiex minnu jew le, hija ħaġa li trid tiġi mistħarrġa fil-mertu: imma, sa dak il-ħin, u sewwasew minħabba li hija ħaġa li trid tiġi mistħarrġa fil-mertu, dik ix-xilja tirradika l-interess tal-attriċi. Huwa interess li jħaddan l-elementi kollha tal-interess ġuridiku. Il-kwestjoni tal-obbligu tal-attriċi li tħares il-jeddijiet tal-imħarrek bħala l-kerrej tagħha m'għandu l-ebda piż fuq il-mertu. Il-kwestjoni f'dan il-każ m'hijiex, kif ingħad, l-għarfien jew is-siwi tat-titolu ta' lokazzjoni favur l-imħarrek. Għalhekk ukoll, it-tieni eċċezzjoni kif formulata m'hijiex mistħoqqa;

Illi dwar ir-raba' eċċezzjoni, l-imħarrkin ma fissrux kif din il-Qorti hija nieqsa mis-setgħa li tqis it-talba attriċi. Jekk il-Qorti għandha s-setgħa li tqis "l-ewwel parti tal-ewwel t-talba" (l-unika talba li saret), ma tarax kif b'hekk għandha tieqaf milli tisma' l-każ. Talba waħda saret, u l-Qorti ssib li għandha s-setgħa bil-liġi li tqisha. Għalhekk ukoll, ir-raba' eċċezzjoni m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi, dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi, irid jiġi iċċarat li l-attriċi qegħda torbot il-ħruġ tal-permess favur l-imħarrek bħala konsegwenza tad-dikjarazzjonijiet foloz li hija tgħid li huwa għamel. Dan ifisser li l-ewwel għan huwa li jintwera li l-imħarrek tassew għamel dikjarazzjonijiet foloz u li, jekk dawn saru, kienu strumentali biex inħariġlu l-permess. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'"falz" wieħed irid hawn jifhem "xi ħaġa li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux sempliċement "xi ħaġa li l-parti ma taqbilx magħha" jew li ħaddieħor jaraha b'mod ieħor. Fi kliem ieħor, biex jista' jintwera li ngħad il-falz f'xi dikjarazzjoni li tkun saret, irid

jintwera li  dak li jkun issemma ma jaqbilx ma' xi stat ta' fatt li juri mod ieħor.  Tali fatt irid jirriżulta mill-atti u mhux jissemma biss bħala argument.  Li kieku kien hekk, u l-fehma li ma taqbilx kienet tista' titqies bħala "falz", kieku jista' tassew jingħad li ma teżistix kawża mqar waħda fejn ma jingħadx il-falz !;

Illi x-xilja li l-imħarrek iddikjara l-falz saret mill-attriċi u għalhekk jaqa' fuqha l-obbligu li tipprova dak li tallega.  Fl-ewwel lok, għalkemm mart l-imħarrek iddaħħlet fil-kawża wkoll, ma ngħata l-ebda ħjiel li hija b'xi mod taħti wkoll għal xi għamil ta' dikjarazzjoni li mhix minnha.  Mit-tfassila tal-att taċ-Ċitazzjoni wkoll ma jidher bl-ebda mod kif l-imħarrka tidħol fil-mira tal-azzjoni attriċi.  X'aktarx li Diane Sultana ddaħħlet fil-kawża għal xi għamla ta' integrita' tal-ġudizzju li, frankament, ma joħroġ xejn ċar x'kienet il-ħtieġa tagħha, ladarba t-talba waħdanija tal-attriċi tirrigwarda sewwasew iċ-ċensura ta' għamil allegatament falz tal-imħarrek.  L-imħarrka Diane Sultana għandha għalhekk tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża;

Illi biex isostni din l-allegazzjoni tagħha kontra l-imħarrek, l-attriċi tgħid li hu wettaq żewġ ħwejjeġ:  (a) fl-ewwel lok, li huwa iddikjara li kien is-sid tal-post numru 46, meta kien jaf li ma kienx għajr il-kerrej, u (b) li mal-applikazzjoni li ressaq biex il-permess idur fuq ismu, kien hemeż pjanta ta' post ieħor.  Iżjed 'il quddiem, imma wara li kienet ilha diġa' fetħet il-kawża madwar sena, sabet li l-imħarrek kien għamel dikjarazzjoni oħra qarrieqa ma' awtorita' pubblika oħra fis-sens li kien iddikjara li kien għadu impjegat ma' missieru li kien ilu snin mejjet;

Illi dwar l-ewwel xilja, il-każ tal-attriċi jidher li jistrieħ kollu kemm hu fuq il-formola tal-applikazzjoni li titlob lill-awtorita' pubblika taċċetta li l-permess għan-negozju ta' xogħol ta' mastrudaxxa jdur minn fuq isem missier l-imħarrek għal fuq l-imħarrek.  L-attriċi tgħid li dik id-dikjarazzjoni nnifisha hija waħda falza u dan għaliex l-imħarrek iffirmaha meta hija ma tatx il-kunsens tagħha. Jibda biex jingħad li huwa minnu li l-imħarrek għaraf il-firma tiegħu fuq dak id-dokument, daqskemm huwa minnu li l-attriċi irrifjutat li tagħti l-kunsens tagħha biex l-

applikazzjoni timxi ‘l quddiem. Imma minn eżami xieraq tal-istess dokument, joħroġ ċar li (a) dik il-formola kienet tinkludi wkoll il-każ fejn l-applikant ma jkunx is-sid tal-post li dwaru huwa mitlub il-ħruġ tal-permess, (b) li dik il-formola kienet tkun akkumpanjata minn dokumenti oħrajn meħtieġa sabiex l-applikazzjoni tista’ titmexxa ‘l quddiem, u (ċ) li l-firma tal-imħarrek fuq dik il-formola ma saritx fejn huwa mistenni li jiffirma s-sid imma fejn mistenni jiffirma l-applikant għall-permess. Minbarra dan, irriżulta wkoll[6] li l-imħarrek kien għarraf lill-uffiċjal tal-Pulizija li lilu għadda l-applikazzjoni li ma kienx sid il-post, li s-sid ma kinitx iffirmatlu l-kunsens tagħha u li għall-finijiet ta’ dik il-formola, dak li kien jgħodd l-iżjed meta l-applikant ma jkunx is-sid hija l-prova tal-“ktieb tal-kera”. Din il-prova (għallanqas sal-grad li issoddisfa lill-awtorita’) tressqet mill-imħarrek flimkien mal-applikazzjoni;

Illi fid-dawl ta’ dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti ma tistax tifhem kif jista’ jingħad li l-imħarrek għamel dikjarazzjoni li m’għandhiex mis-sewwa. Kienet tkun storja differenti kieku l-imħarrek iffirma fil-parti tal-formola merfugħa għal sid il-post, jew kieku ipprova jirffirma bħalma kienet tiffirma s-sid. Imma minn dan kollu ma sar xejn, u jidher li, minkejja li s-sid ma iffirmatx u kien hemm imnižžel daqstant fuq l-applokazzjoni, l-awtoritajiet ma qisux li kellhom iżommu il-ħruġ tal-permess. Dan jixhed kemm ma jistax ikun minnu li l-permess inħareġ fuq dikjarazzjoni falza tal-imħarrek;

Illi dwar it-tieni xilja, l-attriċi ma ressqet l-ebda prova. Ma ntweriex bl-ebda mod li dak li qegħda tgħid l-attriċi kien minnu. Min-naħa l-oħra, meta l-imħarrek ressaq b’xhud il-perit arkitett li kien qabbad biex jagħmillu l-pjanta tal-post, irriżulta[7] li l-post li żar kien il-*workshop* u li l-pjanta li fassal kienet tal-post li ra. Għalhekk, it-tieni raġuni li fuqha tibni l-każ tagħha l-attriċi hija kontradetta mill-provi mressqa mill-imħarrek;

Illi, kif ingħad, l-attriċi semmiet ukoll raġuni oħra għaliex tgħid li l-imħarrek għamel dikjarazzjoni falza. Din ir-raġuni

[6] Xhieda ta’P.S. 304 Cachia 18.3.2003, f’paġġ.128-9 tal-proċess
[7] Xhieda tal-Perit Samut Tagliaferro 7.5.2003, f’paġġ. 141-2 tal-proċess

ma ssemmietx fil-korp tal-att taċ-Ċitazzjoni,lanqas ma ssemmiet fid-Dikjarazzjoni maħlufa tagħha. Saret taf biha iżjed minn sena wara li nbdiet il-kawża[8], u allura ma setgħet qatt tkun ir-raġuni għaliex l-attriċi ibbażat l-azzjoni tagħha. Imma wkoll kieku, għall-grazzja tal-argument, wieħed kellu jistħarreġ dan l-ilment, wieħed isib li n-nuqqas tal-imħarrek li jgħarraf lill-awtorita' li ma kienx għadu impjegat ma' missieru, ma seta' kellu l-ebda effett fuq il-ħruġ tal-permess. Fl-ewwel lok, fil-formola nnifisha għall-ħruġ tal-permess, jissemma li l-applikazzjoni kienet qegħda ssir mill-imħarrek meta missieru kien diġa mejjet (tant li tintuża l-frażi "*the late Carmelo, my father onto my name*"). Fit-tieni lok, l-i*status* tal-imħarrek bħala persuna li tħaddem lilha nnifisha ma kienx konsiderazzjoni rilevanti mal-PAPB u mal-Pulizija biex tinħareġ il-liċenza. U, fit-tielet lok, ix-xilja tal-attriċi f'dan ir-rigward, reġgħet ukoll ġiet imxejna kemm bi provi dokumentali uffiċjali[9], u kif ukoll mix-xhieda li tressqet[10];

Illi, għalhekk fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, l-attriċi ma seħħilhiex tasal għall-għan li għalih fetħet din il-kawża u dan billi ma wrietx li kien hemm xi ċirkostanza kredibbli li biha l-imħarrek għamel tassew dikjarazzjoni ta' fatt li m'huwiex minnu u li, bis-saħħa ta' dik id-dikjarazzjoni, inħareġ favurih permess li, kieku dikjarazzjoni bħal dik ma saritx, altrimenti ma kienx jinħareġ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **teħles lill-imħarrka Diane Sultana milli toqgħod fil-kawża** billi ma hija bl-ebda mod kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi;

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrek John Sultana, bħala m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-istess imħarrek;

---

[8] Ara Dok "JS1", f'paġ. 56 tal-proċess
[9] Ara Dokti "EM2" u "EM3", f'paġġ. 93-4 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Adrian Attard 10.5.2002, f'paġ. 118 tal-proċess

**Tiċħad it-talba attriċi** billi ma jirriżultax li l-imħarrek għamel l-ebda dikjarazzjoni falza li, bis-saħħa tagħha, inħareġ lilu l-permess biex jaħdem bħala mastrudaxxa mill-post mikri lilu mill-attriċi; u

**Tordna** lill-attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża .

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------